MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 297/2001/2

**Claire Cumbo f'isimha proprju u bhala kuratrici *ad litem* ta' binha minuri Liam Borg**

**vs**

**Jason Borg**

**Il-Qorti,**

**<u>I.     PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi il-kontendenti kellhom tifel Liam li twieled fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju tas-sena elf, disa' mija u disgha u disghin(1999), liema tifel gie rikonoxxut mill-konvenut b'att tan-Nutar Antoine Agius tal-hmistax (15) ta' Novembru 1999, u dana kollu kif jirrisulta waqt it-trattazzjoni;

Illi illum Liam ghandu sena u tmien xhur;

Illi b'Digriet moghti mis-Sekond'Awla tal Qorti Civili fit-tnax (12) ta’ Ottubru 2000, li kopja tieghu hi hawn annessa (DOC A) liema Digriet igib in-numru 1450/2000, l-attrici giet fdata bil-kura u kustodja tal-minuri u gie ordnat li l-konvenut ikollu access f'granet u hinijiet stipulati, salv ftehim bejn il partijiet;

Illi l-konvenut kellu u ghad ghandu problemi ta’ abbuz ta' droga u ta' abbuz ta’ alkol, kif ukoll jezistu problemi ohra kif jirrizultaw waqt it-trattazzjoni li joholqu problemi serji ghall-minuri;

Illi jenhtieg li jittiehdu il-provvedimenti kollha xierqa ghall-ahjar protezzjoni u fl-ahjar interess tal-minuri;

Illi l-kontendenti qablu li l-access isir fil-granet u hinijiet imfissra fid-Digriet imsemmi (DOK A) izda fil-presenza tal-attrici jew fic-Centru Hidma Socjali;

Illi l-konvenut gharraf lill-attrici li ma jrid ebda supervizjoni;

Illi ghaldaqstant l-istess attrici talbet li l-konvenut jghid ghalhiex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tvarja id-Digriet moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta’ Ottubru 2000 (DOC A) liema Digriet igib in-numru 1450/2000 fl-ismijiet "Jason Borg vs Claire Cumbo" billi tvarja il-modalitajiet u kondizzjonijiet tal-access peress li l-istess m'huwiex fl-ahjar interess tal-minuri kif hawn fuq indikat;

2.Tistabbilixxi granet u hinijiet ta' access ghal minuri Liam Borg favur il-konvenut Jason Borg fl-ahjar interess tal-istess minuri u dan anke permezz ta' esperti nominandi li jistabbilixxu kif dan jista' jigi esercitat fl-ahjar interess tal-minuri.

Bl-ispejjez - inkluzi dawk tal-proceduri inkorsi quddiem is-Sekond' Awla - kontra l-konvenut ingunt minn issa stess in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 3 sa 8 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet a fol 15 fejn gie eccepit:

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress illi mhumiex minnhom l-addebiti li qed issemmi l-attrici fic-citazzjoni fil-konfront tal-eccipjent (liema addebiti huma gratuiti u vessatorji), u ghalhekk ma hemmx raguni valida ghala ghandu jigi varjat id-digriet numru 1450/2000 moghti mis-Sekond' Awla tat-Qorti Civili fit-12 ta' Ottubru 2000 fl-ismijiet "Jason Borg vs Claire Cumbo", liema digriet inghata b'mod akkurat, wara li dik il-Qorti tat zmien ta' prova lill-eccipjent u nnominat "*social worker*" (certu Gino Zammit mid-Dipartiment tal-Harsien tal-Familja) li rrelata favorevolment favur l-eccipjent li jkollu access wahdu ghal ibnu minuri Liam, fi granet u hinijiet stipulati u dan fl-ahjar interess tal-istess minuri.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista ta’ xhieda a fol 16 u 17 tal-process;

Rat il-verbali l-25 ta’ Settembru 2001, tal-1 ta’ Novembru 2001, tal-20 ta’ Novembru 2001, tal-11 ta’ Jannar 2002, tal-5 t’April 2002, tas-26 ta’ Gunju 2002 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta, tad-29 ta’ Ottubru 2002 u tas-7 ta’ Jannar 2003 fejn il-partijiet jaqblu li l-access tal-konvenut ghall-minuri Liam Borg ghandu jigi regolat skond dan li gej:

(i) nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis ghal siegha kull darba u

(ii) nhar ta' Sibt u nhar ta' Hadd ghal saghtejn kull darba, b'dan li l-konvenut ghandu jinforma lill-attrici fejn ikun ser jiehu lill-minuri waqt l-access.

Il-partijiet talbu li d-digriet tas-Sekond'Awla jigi varjat f'dan is-sens bi spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-kawza giet differita ghall-lum l-10 ta' Jannar 2003 ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din hija talba sabiex jigi regolat l-access ta' iben il-partijiet Liam b'dan li l-access tieghu jigi varjat minn dak kif indikat fid-digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili datat 12 t'Ottubru 2002 li jinsab esebit a fol 6 tal-process.

Illi b'verbal tas-7 ta' Jannar 2003 il-partijiet qablu kif ghandu jigi regolat l-access tal-konvenut u dan jinsab rapportat fl-istess verbal tas-seduta msemmija u fil-premessi fuq indikati. Illi ghalhekk it-talbiet attrici bi qbil bejn il-partijiet ghandhom jigu milqugha f'dan is-sens.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi bi qbil bejn il-partijiet kif verbalizzat fis-seduta msemmija tas-7 ta' Jannar 2003 u fl-interess tal-istess minuri anke li qed jara li l-genituri qed jaqblu fuq l-imsemmi access, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:

1. Tvarja id-Digriet moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Ottubru 2000 (DOC A) liema Digriet igib in-numru 1450/2000 fl-ismijiet "Jason Borg vs Claire Cumbo" fis-sens biss li l-konvenut ikollu access ghall-istess minuri kif hekk maqbul bejn il-partijiet kif premess:

(i) nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis ghal siegha kull darba u

(ii) nhar ta' Sibt u nhar ta' Hadd ghal saghtejn kull darba, b'dan li l-konvenut ghandu jinforma lill-attrici fejn ikun ser jiehu lill-minuri waqt l-access u wkoll b'dan li l-partijiet ghandhom bejniethom jiftehmu dwar il-hin tal-istess access fil-limiti fuq indikati, u mill-bqija tikkonferma l-istess digriet Nru 1450/2000 tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili.

2. Tistabbilixxi l-granet u l-hinijiet ta' access ghal minuri Liam Borg kif premess, kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis ghal siegha kull darba u nhar ta' Sibt u nhar ta' Hadd ghal saghtejn kull darba, b'dan li l-konvenut ghandu jinforma lill-attrici fejn ikun ser jiehu lill-minuri waqt l-access u wkoll b'dan li l-partijiet ghandhom bejniethom jiftehmu dwar il-hin tal-istess access fil-limiti fuq indikati, u dan kif qablu l-partijiet u fl-ahjar interess tal-istess minuri.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**10 ta' Jannar 2003**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**10 ta' Jannar 2003**